***Stqarrija għall-istampa***

**L-isfidi li jiffaċċjaw in-nisa fil-politika**

Li tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-politika kienet u għadha l-isfida għal tul ta' snin. Fl-2016, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) ħarġet stqarrija li matulha enfasizzat l-ostakli li jxekklu l-parteċipazzjoni sħiħa tan-nisa fil-ħajja politika. [1]Dawn jinkludu ambjent iddominat mill-irġiel li jagħmilha aktar diffiċli għan-nisa biex jipparteċipaw u jirnexxu, preżenza ta' snin twal fil-maġġoranza maskili, nuqqas ta' kandidati nisa, diskriminazzjoni diretta u indiretta fl-għażla ta' kandidati u strutturi dgħajfa li jappoġġjaw għal dawk il-persuni li għandhom responsabbiltajiet familjari.

Barra minn hekk, il-fastidju u d-diskors ta' mibegħda lejn in-nisa fil-politika u n-nisa parlamentari jikkostitwixxu wieħed minn dawn l-ostakli. Minkejja li għaddew madwar erba' snin, l-NCPE osservat żieda fil-fastidju onlajn lejn in-nisa parlamentari Maltin. Huwa biżżejjed li wieħed iżur il-pjattaformi tal-midja soċjali sabiex isib evidenza ta' din l-imġiba abbużiva u inaċċettabbli, b'mod partikolari matul il-ġimgħa li għaddiet.

Dan jikkorrispondi sew mar-riċerka li saret fil-kuntest Ewropew li juri li madwar 58.2% tal-politiċi nisa minn 45 pajjiż Ewropew kienu fil-mira ta' attakki sessisti onlajn fuq il-midja soċjali,[2] filwaqt li madwar 47% irċevew theddid ta' mewt, stupru u vjolenza matul il-leġislatura tagħhom.[3] Dan juri li n-nisa mhux biss jiffaċċjaw l-iskrutinju bħala rwol pubbliku tas-soltu, iżda wkoll ikollhom riskju akbar minħabba li huma l-mira għal theddid u attakki personali fuq il-midja soċjali.

Ambjent bħal dan għadu realtà f'Malta. Fil-fatt, madwar sentejn ilu, twaqqaf Kumitat Tekniku sabiex jindirizza d-defiċit demokratiku attwali li jirriżulta minn żbilanċ bejn is-sessi fil-Parlament. Dan il-Kumitat enfasizza wkoll l-isfidi li n-nisa f'Malta jiffaċċjaw fid-dinja politika. B'riżultat ta' dan, *ir-Riforma dwar il-Bilanċ bejn is-Sessi fil-Parlament* imniedi f'April 2019 għall-konsultazzjoni pubblika. Id-dokument ressaq diversi miżuri pożittivi f'ħafna livelli, li

[1] https://ncpe.gov.mt/en/Documents/News_and_Events/Press_Releases/2016/Press%20Statement%20Gender%20Balance%20in%20the%20political%20sphere_MT.pdf
[2] https://www.ipu.org/resources/publications/issue-briefs/2018-10/sexism-harassment-and-violence-against-women-in-parliaments-in-europe
[3] https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/blogposts/digitalrespect4her-campaign-highlights-online-risks-women

jaġixxi kemm fuq il-kawżi kif ukoll fuq il-konsegwenzi tal-inugwaljanza bejn is-sessi fl-isfera politika, filwaqt li jqis l-ispeċifiċitajiet politiċi u soċjali tal-kuntest Malti.[4]

Meta jitqis ix-xogħol sinifikanti li qed jitwettaq, l-NCPE tħeġġeġ lill-membri tas-soċjetà kollha biex jirrikonoxxu dawn l-isforzi u jieqfu milli jpoġġu kummenti fuq il-pjattaformi tal-midja soċjali li jdgħajfu l-impenn kemm tal-gvern kif ukoll tal-oppożizzjoni fl-introduzzjoni ta' miżuri pro-attivi biex jinkiseb bilanċ bejn is-sessi fil-Parlament Malti.

**18 t'Awwissu 2020**

[4] https://ncpe.gov.mt/en/Documents/Our_Publications_and_Resources/Annual_Reports/NCPE_Annual_Report_2019.pdf